# L-ARKITETTURA tal-Knisja l-Qadima

Suppliment fuq l-arkitettura li ssebbaħ din il-Knisja majestuża tagħna.
Ma dawn ir-ritrati hemm ukoll informazzjoni utli u informattiva fuq l-arkitettura minn
Rev. Dun George Schembri u Sandro Sciberras.

F'din is-sensiela ta' artikli meħmużin mal-programm tal-festa tal-komunita' tagħna ser nitkellem dwar il-Knisja tagħna u nagħti tagħrif dwarha akkumpanjati, fejn hemm bżonn, minn disinji u ritratti. Nifħem li dan jista' jservi sabiex nattendu għal xi ċelebrazzjoni fil-*Knisja l-Qadima*, barra milli jgħinna biex napprezzawha iktar, jgħinna wkoll biex nidħlu b'xi mod fl-ispirtu li nebbaħ 'l min tagħna dan il-ġojjel ta' arkitettura u skultura.

Għalhekk, f'dawn l-artikli, ser nagħti tagħrif dwar l-istil ta' bini li għandha, min kien responsabbli għad-disinji u l-bini tagħha, u ż-żminjiet u ċ-ċirkustanzi li fihom inbniet.



Qabel xejn ta' min jgħid illi, wara l-Assedju l-Kbir, il-Kavallieri ta' San Ġwann għażlu li jibqgħu Malta. Għalhekk bnew l-Belt Valletta flimkien ma' ħafna swar mifruxin mall-inħawi l-iktar strateġiċl tal-gżejjer Maltin. Żdied il-ġid fost il-poplu. Żdiedi n-nies u kibret is-sigurta' ta' min ma keinx jgħix fl-ibliet wara s-swar. Fost id-diversi proġetti nsibu wkoll il-bini ta' knejjes ġodda jewċu t-tkabbir ta' dawk qodma, s'intendi, fl-istil tal-istess żminijiet. Qed nitkellmu is-sekli 16-17.

Il-bini tas-swar setgħa kien ta' influwenza fl-għamla ta' bini ieħor il-għaliex l-arkitetti taż-żmien kienu pjuttost inġiniera militari, bħal Lapparelli u Ġlormu Cassar, missier Vittorio Cassar, li skond it-tradizzzjoni, kien ukoll, fil-bidu, b'xi mod responsabbli fil-bini u d-disinji tal-knisja tagħna. Fil-Fatt, jidhirli, li d-dehra tagħha minn barra, bl-eċċezzjoni tal-iskultura li għandha fuq il-bieb prinċipali, hija waħda awstera u serja, akkumpanjata minn linji qawwija li normalment wieħed jassoċċjhom mas-swar.



Iżda metadaħal fix-xena Tommaso Dingli li kien mhux biss arkitett, Iżda wkoll skultur il-knisja, speċjalment minn ġewwa, ħadet sura iktar doċli, preċiżament minħabba l-element qawwi ta' skultura li nsibu ġo fiha.

Kien għalhekk, forsi, li xi whud li kitbu dwarha, jikkunidrawha pjuttost bħala eżemplari ta' arkitettura Maltija ta' perjodu transitorju, iġifieri ta' dak bejn l-istil Klassiku Rinaxximentali ta' l-aħhar fażi, u l-istil Barokk li kellhu, mbagħad jiddomina ħafna, u nistgħu ngħidu, sa żminijietna, fil-bini tal-knejjes tagħna.

*Dun George Schembri*



# Kont taf li...

Forsi taf ili l-Knisja l-Qadima mimbija fuq knisja oħra, eqdem minnha. Parti minn din il-Knisja medjevali ġiet inkorporata fil-bini tal-Knisja tagħna, filwaqt li l-bqija twaqqa'. L-ewwel deskrizzjoni dettaljata ta' din il-"kappella" medjevali li sar minn Mons. Dusina fl-1575.

Din il-Knisja Medjevali kellha forma ta 'T', jiġifieri b'korsija u żewġ kappelluni mal- ġenb, fil-parti ta fuq. Din il-knisja bqagħet isservi l-bżonnijiet spiritwali tan-nies, sa l-1518, għalkemm ix-xogħol fuq il-knisja ' ġdida' kien diġa beda.